

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud għaliex manifestament inammissibbli.
- 2) Il-Parlament Ewropew għandu jbati l-ispejjeż tiegħu u huwa kkundannat għall-ispejjeż sostnuti minn FH.

(¹) ĠU C 245, 27.7. 2015, p. 50.

Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tas-17 ta' Novembru 2015 – Ayres de Abreu vs KESE**(Kawża F-90/15)****(Servizz pubbliku — Inammissibilità manifesta — Rappreżentanza minn avukat — Rikorrent li għandu l-kwalità ta' avukat — Impossibilità ta' rappreżentanza tar-rikorrent minn avukat li ma huwiex terz)****(2016/C 007/49)***Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrenti: Antonio Ayres de Abreu (Cascais, il-Portugall)

Konvenut: Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Suġġett tal-kawża

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni li r-rikorrent ma jiġix ammess għall-irtirar.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.
- 2) Antonio Ayres de Abreu għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.

Rikors ippreżentat fit-23 ta' Ottubru 2015 – ZZ vs Il-Kummissjoni**(Kawża F-135/15)****(2016/C 007/50)***Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrenti: ZZ (rappreżentant: B. Sahki, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima

L-annullament tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla tal-kompetizzjoni EPSO/AST/130/14 li ma taċċettax lir-rikorrent għat-test ta' evalwazzjoni, minħabba li ma għandux il-livell ta' studju meħtieġ kif ukoll l-esperjenza professjonali ta' tul minimu ta' sitt snin relatata man-natura tal-kariga.

Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata tas-16 ta' Ġunju 2014, [tal-] President tal-Bord tal-Għażla tal-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO), wara l-kandidatura tal-1 ta' April 2014;